A.L. 19 ta' l-1980

ORDINANZA TA' L-1962 DWAR IL-ĦADDIEMA TAL-PORT (ORDINANZA NRU. XIV TA' L-1962)

Ordni ta' l-1980 li jemenda l-Ordni dwar Deċiżjonijiet relattivi għax-Xogħol tal-Port

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 8 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Ħaddiema tal-Port, il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekommunikazzjonijiet, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, għamel l-ordni li ġej: —

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1980 li jemenda l-Ordni dwar Deċiżjonijiet relattivi għax-Xogħol tal-Port u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1966 dwar Deċiżjonijiet relattivi għax-Xogħol tal-Port, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 46 ta' l-1966

Jemenda t-Tariffa D ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. It-Tariffa D ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kliem "jew *guyman*" fil-paragrafu 3 tagħha għandhom jitħassru, u

(b) minflok il-paragrafu 5 tagħha għandu jidħol il-paragrafu li ġej:

"Tħaddim ta' *single derricks* minn stivaturi addizzjonali.

5. Stivaturi addizzjonali mqabbdin biex iħaddmu *single derricks* bl-idejn skond il-partita (iii) tas-sub-paragrafu (1) tal-paragrafu 3 tal-Ħames Skeda li tinsab ma' dan l-ordni għandhom jitħallsu dritt bir-rata ta' minn ħdax wieħed tar-rati tat-tariffa xierqa murija fit-Tariffa A ta' din l-Iskeda għal kull stivatur; drittijiet bis-sahra għandhom jitħallsu meta jkunu applikabbli.".

Jemenda l-paragrafu 3 tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

3. Il-paragrafu 3 tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "li ma tkunx merkanzija klassifikata taħt il-partita (1) tat-Tariffa A ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-ordni u" fil-partita (iii) tas-sub-paragrafu (1) tagħha għandhom jitħassru, u

(b) fis-sub-paragrafu (4) tagħha, minflok il-kliem "b'rati ta' kuljum" għandhom jidħlu l-kliem "skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 5 tat-Tariffa D ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-ordni".

Jemenda l-paragrafu 1 tat-Tariffa A tal-Parti IV tas-Sitt Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

4. Minflok il-partiti (a), (b) u (ċ) tal-paragrafu 1 tat-Tariffa A tal-Parti IV tas-Sitt Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandhom jidħlu l-partiti li ġejjin:

"(a) Ħatt u tagħbija ta' merkanzija miġbura f'unità waħda li tikkonsisti f'tagħmir li jimxi u f'vetturi bil-mutur sew jekk jitmexxew bir-roti jew fuq it-*track* tagħhom stess u sew jekk mgħobbija fuq il-karrelli; importati minn

Baħħar u Sewwi Ltd ħalli jissewwew lokalment biex jerġgħu jitgħabbew fuq il-vapur minnhom stess; ħatt ta' merkanzija miġbura f'unità waħda li tkun tikkonsisti f'makkinarju, makni u partijiet sfużi mportati minn Baħħar u Sewwi Ltd biex jiġu inkorporati fit-tagħmir jew fil-vetturi hawn fuq imsemmija	25c kull tunnellata metrika
(b) Ħatt jew tagħbija ta' merkanzija ta' trasbord f'tagħbijiet f'unità waħda:	
(i) vetturi bil-mutur, mhux ippakkjati, li jimxu —	
(a) *motor cars*	£2.50 kull waħda għal kull operazzjoni
(b) vannijiet	£3.75 kull wieħed għal kull operazzjoni
(ċ) trakkijiet u *chassis* ...	£7.50 kull wieħed għal kull operazzjoni:
Iżda meta n-numru ta' l-unitajiet maħtutin minn u/jew mgħobbija fuq l-istess vapur f'operazzjoni waħda jkun iżjed minn ħames mija, ir-rati speċifikati f'din is-sotto-partita għandhom jitnaqqsus b'50 fil-mija;	
(ii) il-merkanzija l-oħra kollha ...	45c kull tunnellata metrika
(ċ) Ħatt jew tagħbija ta' merkanzija miġbura f'unità waħda, barra minn dik imsemmija fil-partiti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu ...	50c kull tunnellata metrika.".